TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 230/11

**Emanuel Balzan**
**vs**
**Easy Life Services Co. Ltd.**

Illum 23 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) rappreżentanti l-ammont ta' disgħa u tletin ewro u disgħa w disgħin ċenteżmi (€39.99) prezz ta' *smart pen* u l-ammont ta' mitejn u għaxar ewro (€210) prezz ta' l-i*spray* tal-bonnet tal-vettura tiegħu.

I-s-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, pero' m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *smart pen* għal prezz ta' disgħa w tletin ewro u disgħa w disgħin ċenteżmi (€39.99) sabiex ikun jista' jgħatti u jneħħi xi grif. Meta applika l-i*smart pen* fuq il-girfa, ma marritx.

Is-soċjeta' intimata nfurmatu li kull ma ried hu ftit *polish* sabiex tmur il-girfa. Iżda meta għamel hekk il-girfa ġietu agħar u kellu jisprenja l-bonnet tal-vettura tiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata m'attendietx għas-seduta minkejja li debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota illi l-verżjoni tiegħu hija kredibbli u aċċettabbli, stante li dak l'ingħad li kellu jagħmel l-i*smart pen*, ma seħħx.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888